**28 ta' Frar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

George Borg *noe*

*versus*

Ronald Camilleri

**Minuri - Kuntratt - Nullità - Ratifika**

*Persuna li tkun ikkontrattat meta tkun ghadha minuri ghandha protezzjoni doppja: dik li taġixxi* per via d'azione *ghar-rexissjoni tal-kuntratt u dik li tiddefendi ruhha* per via di eccezione *f'azzjoni kontra taghha ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet minnha assunti.*

*Però l-artikolu 1227 tal-Kodiċi Ċivili jikkontempla t-twettiq jew ir-ratifika ta' obbligazzjoni li kontra taghha l-liġi taghti l-jedd kemm ghall-azzjoni kif ukoll ghall-eċċezzjoni ta' rexissjoni minhabba nullità.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* qed jaġixxi b'din iċ-ċitazzjoni:

"Peress illi b'kuntratt iddatat 28 ta' Ġunju, 1983 (dok. A) il-kontendenti ftehmu illi l-konvenut kellu jsegwi kors ta'

ħames snin fl-Università ta' Malta ta' B.A. Hons. (*Accountancy*);

Peress illi bħala kundizzjoni ta' dan il-ftehim il-konvenut obbliga ruħu illi fit-terminazzjoni tal-kors huwa jkompli jaħdem mal-Gvern ta' Malta għal mhux anqas minn sentejn u jekk jonqos li jagħmel dan huwa jħallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000);

Peress illi l-konvenut ittermina unilaterlament l-impjieg tiegħu mal-Gvern ta' Malta u għalhekk kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim b'mod li llum għandu jħallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) fuq imsemmija;

Peress illi għalkemm ġie interpellat biex iħallas dan l-ammont, huwa rrifjuta u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tikkundannah iħallas is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) dovuta minnu billi huwa naqas li jadempixxi l-obbligi tiegħu kontrattwali li jkompli jaħdem sentejn mal-Gvern ta' Malta wara t-terminazzjoni tal-kors ta' studju fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Mejju, 1989 u bl-imgħax legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni";

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

"Illi fl-ewwel lok il-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 1983 huwa null u mingħajr effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan billi fid-data li ġie ffirmat l-istess kuntratt il-konvenut kien

għadu minorenni u taħt l-awtorità paterna u l-istess kuntratt ma ġiex iffirmat mill-persuna li kienet teżerċita dik l-awtorità paterna;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kundizzjoni stipulata fil-paragrafu tnejn (2) intitolat *undertaking* ma ġietx sodisfatta billi l-eċċipjent qatt ma temm b'suċċess il-kors tiegħu taħt l-i*sponsorship* tal-Gvern;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li saret dikjarazzjoni mill-kontendenti li ma kellhomx provi aktar iddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u konsegwentement ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż;

Is-sentenza appellata hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Jirrizulta li l-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 1983 (dok. A - esebit a fol. 6) li jifforma l-kawżali bażi ta' l-istanza odjerna ġie ffirmat mill-konvenut meta dan kien għadu minorenni u għalhekk taħt l-awtorità ta' missieru;

Dan fil-fatt, jinsab ikkonfermat mill-konvenut stess meta huwa xehed quddiem il-Qorti u inoltre jinsab assodat bil-produzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu a fol. 17 tal-proċess. Infatti, jirriżulta minn dan iċ-ċertifikat li l-konvenut twieled fl-20 ta' Ottubru, 1965. Għalhekk meta ġie ffirmat il-kuntratt ċjoè fit-28 ta' Ġunju, 1983 huwa ma kienx għadu għalaq it-tmintax-il sena. Kwindi, ma kellux il-kapaċità legali li jikkuntratta u jobbliga ruħu għaliex kien għadu minorenni. Isegwi għalhekk illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut jistħoqqilha li tiġi milqugħa";

Bir-rispett dovut, din il-Qorti ma taqbel xejn la mas-sentenza appellata u wisq anqas mal-mod semplicisitiku li bih il-kawża ġiet ittrattata mill-kontendenti kemm fir-rigward tal-provi kellhom, setgħu u messhom ġew prodotti kif ukoll mal-punti ta' dritt involuti li jmorru ferm lil hinn minn sempliċi kostatazzjoni tal-fatt li l-konvenut kien għadu ma għalaqx b'xi tliet xhur l-età maġġoritarja ta' tmintax-il sena meta ffirma l-kuntratt taħt il-*worker student scheme* mal-Gvern sponsorjat mid-Dipartiment ta' l-Ilma. Dak li l-appellant ma għamilx quddiem l-Ewwel Qorti qed jittanta jagħmlu quddiem din il-Qorti ta' Reviżjoni billi jadduċi aggravji li kien messhom ġew avvanzati fl-ewwel lok mill-appellant bħala eċċezzjonijiet quddiem dik il-Qorti. Din il-Qorti ser tikkunsidra biss dawk is-sottomissjonijiet li jirriżultaw b'xi mod involuti fl-eċċezzjonijiet diġà mogħtija jew li l-liġi tippermetti li jingħataw anke fl-istadju ta' appell. Għall-bqija mhux leċitu għal din il-Qorti li tinvesti materji li kellhom jiġu eċċepiti fl-ewwel grad għaliex l-opportunità tad-doppio ezame għandha tingħata lill-kontroparti fuq l-eċċezjonijiet mogħtija u dan ma għandux jiġi sorpriż b'ostakoli legali ġodda *mhux imqiegħda għall-*konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti. Tajjeb allura li jiġu riprodotti l-aggravji biex din il-Qorti tkun tista' tittratta l-appell billi *ssegwihom anke fl-ordni mogħti*;

"L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhijiex ammissibbli stante li l-meritu ta' l-istess eċċezzjoni għandha tiġi dedotta b'azzjoni. Skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (ara **Frendo** *vs* **Chetcuti** XXXVII, III, 604, 15/1/52 u s-sentenzi hemm ċitati) għalkemm f'każijiet ta' nullità assoluta l-istess nullità tista' tiġi dedotta *in via di eccezione* f'każijiet ta' annullabilità l-istess nullità trid tiġi ssollevata *in via azione*. Huwa ben risaput li l-allegazzjoni ta' nullità ta' obbligazzjoni bbażat fuq il-fatt li persuna kienet inkapaċi għax minorenni (speċjalment fejn si tratta ta' minorenni 'l fuq *minn erbatax-il sena) hija każ* ta' annullabilità tant hu hekk li n-nullità tista' tiġi ssollevata

*biss mill-minuri (artikolu 973 Kodiċi Ċivili) u l-obbligazzjoni* annullabbli tista' tiġi rrattifikata (artikolu 1227 Kodiċi Ċivili);

Il-pretensjoni tal-konvenut li l-kuntratt huwa null u bla effett skond il-liġi hija preskritta bl-għeluq ta' sentejn minn meta l-konvenut għalaq tmintax-il sena (artikolu 1222 Kodiċi Ċivili);

Il-Qorti ma kkunsidratx li fiż-żmien li sar il-ftehim omm il-konvenut Carmen Camilleri li ffirmat il-ftehim seta' kellha l-*patria potestas* għar-rigward il-konvenut;

Finalment, jidher ċar mill-komportament u l-aġir tal-konvenut wara li għalaq tmintax-il sena li huwa rratifika l-obbligazzjoni in kwistjoni. L-artikolu 1227 Kodiċi Ċivili jiddisponi li obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-jedd għall-azzjoni jew għall-eċċezzjoni ta' rexissjoni minħabba nullità tista' tiġi rrattifikata u skond l-artikolu 1229 Kodiċi Ċivili r-ratifika tista' ssir taċitament bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni. Jirriżulta li l-konvenut kompla jsegwi l-kors taħt l-*isponsorship* tal-Gvern u ħadem mal-Gvern fil-*work phase* sakemm irriżenja fl-24 ta' Ġunju, 1987. L-ittri tiegħu (dok. "B", "C", "D" u "E") juru li hu kien jikkunsidra ruħu marbut bil-kuntratt anke wara li għalaq tmintax-il sena";

L-ewwel aggravju ta' l-appellant *nomine* hu li "l-ewwel eċċezzjoni mhijiex ammissibbli stante li l-meritu ta' l-istess eċċezzjoni għandu jiġi dedott b'azzjoni". *Ma jirriżulta minn* imkien fl-atti illi l-attur qajjem din l-eċċezzjoni għall-eċċezzjoni fondamentali tal-konvenut fl-ewwel istanza. Oġġezzjoni li kellha tkun verbalizzata u li kieku ġiet hekk reġistrata l-Ewwel Qorti kienet tkun fid-dover li tiddeċidi dwarha. Fin-nuqqas ta' tali oppożizzjoni ma kienx jispetta lill-Ewwel Qorti li tpoġġi fid-dubbju l-ammissibilità ta' l-eċċezzjoni. Ċertament ma kinitx

materja sollevabbli *ex officio*;

Fuq dan din il-Qorti setgħet waqfet hawn. Mhix ser tkun daqstant spiċċjattiva għax il-konsiderazzjonijiet segwenti pprovokati minn dan l-aggravju huma utili u neċessarji biex jiġu trattati l-aggravji l-oħra ta' l-appellant;

L-artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

L-eċċezzjoni tan-nullità tista' f'kull żmien tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt fil-każijiet li fihom huwa nnifsu seta' jagixxi għar-rexissjoni;

Din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikoli 1222 u 1224;

In-nullità li qed tiġi eċċepita mill-konvenut hi għaliex hu kien għadu minuri bejn l-erbatax u t-tmintax-il sena meta ffirma l-kuntratt. Kif ingħad kien jonqsu tliet xhur biex isir maġġorenni. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

Artikolu 968:

Kull kuntratt magħmul minn persuna li ma għandhiex l-użu tar-raġuni jew li tkun għadha ma għalqitx seba' snin huwa null;

Artikolu 969:

Hija nulla ukoll kull obbligazzjoni li bih jintrabat tifel li ma għalaqx l-età ta' erbatax-il sena;

Iżda jekk it-tifel ikun għalaq disa' snin, il-ftehim ikun jiswa għal dawk l-obbligazzjonijiet li ħaddieħor ikun intrabat bihom favur tiegħu;

Artikolu 970:

Id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu ukoll fil-każ tat-tfal li jkunu għalqu l-età ta' erbatax-il sena li jkun għad ma għalqux dik tat-tmintax-il sena jekk ikun taħt is-setgħa tal-missier jew jekk ikollhom kuratur bla ħsara dejjem ta' kull disposizzjoni oħra ta' liġi dwar iż-żwieġ;

Minn qari anke superfiċjali ta' dawn id-disposizzjonijiet huwa immedjatament ovvju illi l-effetti fil-każ ta' kuntratti magħmula minn tfal taħt is-seba' snin huma radikalment differenti minn dawk magħmula minn tfal li għandhom 'il fuq minn disa' snin. Filwaqt li fl-ewwel każ, <u>il-kuntratt</u> huwa null għall-effetti kollha tal-liġi u allura kemm għal dawk l-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat il-minuri kif ukoll għal dawk li jintrabat bihom il-kontroparti presumibbilment maġġorenni, fit-tieni każ hija kull <u>obbligazzjoni</u> li biha jintrabat il-minuri illi tkun nulla u mhux il-kuntratt kollu. Tant hu hekk illi l-obbligazzjoni li fuq dak il-kuntratt jassumi l-kontroparti presumibbilment maġġorenni favur il-minuri jibqgħu jorbtuh kif ukoll jibqgħu validi dawn il-kondizzjonijiet fil-kuntratt li bihom jintrabat il-minuri sakemm dan ma jaġixxix għar-rexissjoni tagħhom kif intitolat fil-liġi;

Fuq dawn il-konsiderazzjonió biss ma kinitx ġuridikament korretta l-eċċezzjoni li laqgħet l-Ewwel Qorti illi "il-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 1983 <u>huwa null u mingħajr effett</u> għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi" billi fid-data li ġie ffirmat il-konvenut kien għadu minorenni. Kif qiegħda f'dawn it-termini din l-eċċezzjoni hi insostenibbli u ma kellhiex tiġi milqugħa. Minn

din id-distinzjoni fondamentali però jemerġu konsiderazzjonijiet importanti li l-kontendenti qegħdin issa jittrattaw imma li strettament kellhom jiġu ssollevati quddiem l-Ewwel Qorti;

L-appellant qiegħed issa javanza l-inammissibilità ta' l-eċċezzjoni ta' nullità għaliex tali nullità kellha se mai tiġi kkontestata permezz ta' azzjoni *ad hoc* u mhux *per via di eccezione*. Hu jagħmel rikjam għad-distinzjoni li sir mill-awturi Taljani bejn il-nullità *ipso iure* u l-annullabbilità tal-kuntratt. Distinzjoni għal ħafna żmien segwita mill-Qrati tagħna bħala ġustifikazzjoni għar-regola li meta n-nullità ma tkunx espressament dikjarata fil-liġi *ipso iure* imma tirriżulta biss wara eżami serju tal-każ allura tali kuntratt jista' jiġi annullat biss mill-Qorti permezz ta' azzjoni;

Hu nnotat illi l-artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili fuq reġistrat hu prattikament riprodott mill-artikolu 934 ta' l-Ordinanza nru. VII ta' l-1868 li kien jgħid:

"*L'eccezione di nullità può esere in qualunque tempo opposta de chi è convenuto per la esecuzione del contratto in tutti i casi nei quali egli stesso avrebbe potuto agire per la recissione*"

"*Attessochè sebbene i menzionati contratti se non per ragione indicata nella detta risposta, sarebbero talora impungibili per altre ragioni, tuttavia però una tale impuniazione si potrebbe proporre per via di azione e non per via di eccezione, per la ragione che le nullità, quando non fossero espressamente pronunciate dalla legge cioè ipso iure ma si potrebbero scorgere dopo un serio esame e con cognizione di causa non si potrebbero ottenere che col ministero del giudice e per via di azione*";

*"Attessochè l'idea predominante nello articolo 934 dell'Ordinanza Numero VII del 1868 è certamente quella di elevare la regola di diritto comune - "temporalia ad agendum sunt perpetua ad excipiendum" - ad una espressa disposizione patria e non certamente quella di sanzionare chè tutte le specie di nullità si possono proporre in via di eccezione"* (**Carmela Agius** *et vs* **Dr. Francesco Frendo** *nomine*, Appell, 15 ta' Marzu, 1876, Vol. VII, p. 549)";

Din il-ġurisprudenza tabbraċċja allura dik Taljana li tiddistingwi bejn in-nullità u l-annullabilità tal-kuntratti u bejn nullità assoluta u nullità parzjali imma dana f'qasam fejn fil-verità d-disposizzjonijiet fil-Kodiċi Ċivili Taljan ma jattalljawx għal kollox ma' dawk nostrani. Is-sottomissjoni ta' l-appellat illi l-liġi tagħna ma tagħmel ebda distinzjoni bejn nullità assoluta u nullità relattiva fir-rigward tal-kuntratti tidher li hi sostanzjalment korretta fil-kuntest ta' disposizzjonijiet *ad hoc* anke jekk kif fuq aċċennat il-liġi tipprovdi f'ċerti każi - bħal fil-każ taħt eżami fir-rigward ta' obbligazzjonijiet assunti minn minuri ta' il-fuq minn erbata-il sena għan-nullità relattiva ta' obbligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista' tiġi ssollevata biss minn persuna li l-liġi trid espressament tipproteġi. F'dan is-sens ukoll mhijiex allura korretta s-sottomissjoni ulterjuri ta' l-appellat illi f'kull każ l-eċċezzjoni minnu ssollevata "tirrigwarda nullità assoluta". Dan għar-raġuni appena mogħtija illi jekk il-minuri jagħżel li ma jagħtix l-eċċezzjoni ta' nullità jew jekk bl-aġir tiegħu jirrinunzja għaliha, in-nullità ma tokkorrix u kemm il-kuntratt kif ukoll l-obbligazzjonijiet assunti anke min-naħa ta' l-istess minuri jkunu jorbtu u jkollhom effett sħiħ fil-liġi;

Il-Qorti tikkunsidra li mhux indikat jew meħtieġ fil-każ taħt eżami li tinoltra ruħha f'dibattitu akkademiku anke jekk mhux nieqes mill-interess dwar il-validità o meno tal-ġurisprudenza in materja u jekk din kinitx sewwa tirrifletti d-

disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Dan għaliex hi sodisfatta illi l-fatti tal-kawża jinkwadraw ruħhom sewwa fid-dispost ta' l-artikolu 1226 tal-Kap. 16 fuq riportat. Ma hemmx dubbju illi l-appellat seta' hu nnifsu jaġixxi għar-rexissjoni ta' l-obbligazzjonijiet minnu assunti meta kien għadu minorenni. Dritt lilu espressament mogħti bl-artikolu 969 u 970 ta' l-istess Kodiċi Ċivili. Hu paċifiku illi bil-preżenti azzjoni l-konvenut appellat - illum maġġorenni - qed jiġi mħarrek għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet minnu assunti b'dak il-kuntratt li baqa' dejjem jorbot lill-Korporazzjoni attriċi fir-rigward ta' dawk l-obbligazzjonijiet li bihom hi ntrabtet favur tiegħu;

Ikkonsidrata l-materja b'dan *il-mod lineari* u prammatiku, jidher illi l-leġislatur għażel li jiddetermina liema każijiet kien permess li tingħata l-eċċezzjoni ta' nullità u dana lil hinn mill-konsiderazzjoni ta' konċetti pjuttost astratti tad-distinzjoni bejn kuntratti li huma nulli u oħrajn li huma annullabbli. Eċċezzjoni ta' nullità li allura teskludi l-ħtieġa ta' azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' nullità liema rimedju jibqa' dejjem miftuħ lill-parti interessata fejn iċ-ċirkostanzi hekk jiġġustifikaw. Konsegwentement il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tibqa' sostanzjalment dik korretta anke jekk għar-raġuni żbaljata. Sostanzjalment għaliex għall-preċiżjoni mhux il-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 1983 li hu null u bla effett fil-liġi kif eċċepit mill-appellat imma huma nulli l-obbligazzjonijiet assunti mill-appellat allura minorenni fuq dak il-kuntratt fil-konfront ta' l-appellant *nomine*. Fosthom allura l-obbligazzjoni li hu kellu jirrifondi lil Gvern ta' Malta s-somma ta' Lm2,000 *f'każ li jkun inadempjenti*;

L-aggravju li n-nullità ma kellhiex tiġi dedotta in via *di eccezione* qed jiġi għalhekk respint kif qiegħed ukoll jiġi respint l-aggravju l-ieħor illi "l-pretensjoni tal-konvenut li l-kuntratt huwa null u bla effett skond il-liġi hija preskritta bl-għeluq ta'

sentejn minn meta l-konvenut għalaq tmintax-il sena";

L-appellant infatti jeċċepixxi l-preskrizzjoni skond l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili. Dan il-perijodu preskrittiv ta' sentejn hu kjarament u espliċitament estintiv ta' "l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba ... nuqqas ta' età". Ma japplikax però fil-każ fejn tingħata "l-eċċezzjoni ta' nullità" li kif dispost fl-artikolu 1226 fuq riportat tista' tingħata f'kull żmien u "din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikolu 1222 ... ". L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda;

Qari akkurat tad-disposizzjonijiet tal-liġi fuq riportati ukoll iwasslu għall-konklużjoni illi l-persuna li tkun ikkontrattat meta tkun għadha minuri għandha fil-verità protezzjoni doppja. Dik li taġixxi *per via di azione* għar-rexissjoni tal-kuntratt u dik li tiddefendi ruħha *per via di eccezione* f'azzjoni kontra tagħha għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet minnha assunti;

Dan iwassal lill-Qorti għal konsiderazzjoni ta' l-aħħar aggravju ta' l-appellant *nomine* u ċjoè dak illi mill-komportament u l-aġir tal-konvenut wara li għalaq it-tmintax-il sena jidher ċar li hu rratifika l-obbligazzjoni li assuma meta kien għadu minorenni;

Japplikaw għal dan l-aggravju s-segwenti artikoli tal-Kodiċi Ċivili;

Artikolu 1227: It-twettiq jew ir-ratifika ta' obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-jedd għall-azzjoni jew għall-eċċezzjoni ta' rexissjoni minħabba nullità jew għal raġuni oħra jkollhom l-effett tagħhom bejn il-partijiet li jikkontrattaw bla ħsara tal-jeddijiet ta' terzi;

Artikolu 1228: It-twettiq jew ir-ratifika ma jġibux ir-rinunzja għall-eċċezzjoni *ta' rexissjoni ħlief meta jiġi ppruvat li* min iwettaq jew irratifika kien jaf bid-difett li jagħti jedd għal dik l-azzjoni;

Artikolu 1229: *Bla* ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan, it-twettiq jew ir-ratifika jistgħu jsiru taċitament bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-azzjoni ta' rexissjoni jew b'xi att ieħor li juri l-intenzjoni li jingħata effett għall-obbligazzjoni;

Diġà ngħad illi l-kuntratt tat-28 ta' Ġunju, 1983 mhux fih innifsu null u hu opportun f'dan l-istadju li jiġu rreġistrati dawn il-fatti bażiċi - kif sottomessi mill-appellant - li però jidhru assodati mill-provi;

"Permezz ta' ftehim tat-28 ta' Ġunju, 1983 (dok. "A") il-konvenut appellat ġie sponsorizzat mill-Gvern ta' Malta biex isegwi *kors għall-Baċċellerat fl-Accountancy fl-Università ta'* Malta bil-kundizzjoni li fit-terminazzjoni tal-kors l-istess konvenut appellat ikompli jaħdem mal-Gvern ta' Malta għal mhux anqas minn sentejn u fin-nuqqas iħallas is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000). Il-ftehim ġie ffirmat tliet xhur u nofs qabel mal-konvenut għalaq tmintax-il sena (ara ċertifikat tat-twelid a fol. 6 tal-proċess). Il-kuntratt ġie anke ffirmat minn omm il-konvenut, Carmen Camilleri (dok. "A"). Wara li għalaq tmintax-il sena, il-konvenut kompla konsistentement jesegwixxi *l-obbligi tiegħu skond il-ftehim imsemmi. Per eżempju fid*-19 ta' Mejju, 1983 applika għal *vacation leave* (dok. "C"), fil-5 ta' Frar, 1986 applika biex imur fuq *student exchange programme* (dok. "D"). Fl-24 ta' Ġunju, 1987 il-konvenut unilateralment ittermina l-impjieg/*sponsorship* tiegħu (dok. "B"). Meta ġie mitlub biex iħallas l-elfejn lira (Lm2,000) fuq imsemmija huwa rrisponda "*according to my contract I am not bound to pay such*

*a penalty*" (dok. "E"). Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma hija s-suċċessur tad-Dipartiment ta' l-Ilma skond l-Att XXIII ta' l-1991;

Il-Qorti hi sodisfatta minn dawn il-fatti li l-appellat irratifika l-kuntratt illi hu għamel mal-Korporazzjoni attriċi meta kien għadu minorenni. Iċ-ċirkostanza determinati hi li l-kuntratt ġie ffirmat tliet xhur u nofs biss qabel ma l-appellat għalaq it-tmintax-il sena. Dan ifisser li hu baqa' jużufruwixxi minn dak il-kuntratt prattikament għat-tul kollu taż-żmien li għalih kellu jibqa' jopera. Bl-aġir u bil-komportament tiegħu wara li sar maġġorenni wera b'mod ċar li hu kien jaċċetta t-termini kollha tiegħu. Infatti l-esekuzzjoni tal-kuntratt kienet testendi tista' tgħid interament fi żmien meta l-appellat kien maġġorenni, kien indubbjament konxju mill-fatt illi dak il-kuntratt kien ġie ffirmat minnu meta kien għadu minorenni u li allura kien annullabbli f'dawk il-partijiet li fihom hu kien assuma obbligazzjonijiet fir-rigward tal-kontroparti. *Ciononostante* hu baqa' jimplimenta l-istess kuntratt, baqa' jużufruwixxi mill-benefiċċji kollha li seta' jgawdi taħtu u baqa' ukoll josserva l-obbligazzjonijiet li hu fih kien assuma. Indubbjament wara li għalaq it-tmintax-il sena hu kien ukoll iħossu obbligat josserva l-kondizzjonijiet li kienu ġew imposti fuqu naturalment bħala *quid pro quo* għall-benefiċċju li minnu kien qed jirrikava fosthom li jirċievi t-taħriġ skond l-iskema u li kien qed jaħdem mal-Gvern waqt il-*work phase* u għal dan li jirċievi l-kumpens dovut. Fil-fatt il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dan hu każ estrem fejn l-appellat qed jipprova jieħu vantaġġ mill-fatt kważi tekniku li jeċċepixxi n-nullità ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu għaliex hu kien iffirma l-kuntratt meta kien baqagħlu ftit ġimgħat biex jilħaq l-età maġorenni meta fil-fatt għażel li jibqa' jimplimenta l-istess ftehim safejn u sakemm kien jaqbillu. Aġir li jirrasenta l-indebitu. Lanqas mhi din il-Qorti impressjonata bl-argument soċjo-politiku ta' l-appellat illi "l-edukazzjoni terzjarja fiż-żmien meta kien student kienet ta'

bilfors tobbligah sabiex jipparteċipa fl-iskema "student ħaddiem" u ma kien hemm l-ebda alternattiva oħra għalih sabiex jidħol l-Università mod ieħor". Din il-Qorti jista' jkollha l-akbar simpatija għal din is-sottomissjoni li però bl-ebda mod mhi sottomissjoni li għandha fondament legali. Ċertament mhux il-każ li jiġu permessi provi in sostenn ta' dan il-fatt magħruf li però bl-ebda mod ma jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali ta' l-appellat una volta għażel li jirratifika dak il-kuntratt bl-aġir tiegħu". *Pacta sunt servanda.*

L-artikolu 1444 tal-Kodiċi Ċivili Taljan analogu għad-disposizzjoni fil-Kodiċi Ċivili nostran fir-rigward ta' ratifika ta' kuntratti hekk ġie kommentat;

*"Oltre alla convalida espressa, il contratto annullabile può essere convalidato tacitamente. Così se il contraente, cui spetta l'azione di nullità da volontariamente esecuzione al contratto consoscendo il motivo dell'annullabilità, dimostra di volere rinunziare all'azione di nullità. L-artikolo 1444 dichiara che il contratto è convalidato quando gli si è dato volontariamente esecuzione: (Il-Nuova Codice Civile Commentato, Libro IV, Obbligazione - Stolfi, pp. 266 et seq)*

U fil-każ taħt eżami hu ovvju li l-appellat ma setax ma kienx konxju tal-kawża li kienet tintitolah jaġixxi jew jeċċepixxi r-rexissjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta bħala minuri;

*"Il contratto affetto di una causa di annullabilità può essere convalidato <u>con l'effetto di sanare</u> il contratto e di precludere la azione di annullamento. Lo si può convalidare in due modi: o con una espressa dichiarazione di convalida ... oppure in modo tacito. La parte cui spetta l'azione ... da volontariamente esecuzione al contratto (consegne la cosa al*

*compratore che gli ha carpito o estorto il consenso) pur conoscendo la causa di annullabilità. In questo cosa se egli successivamente chiede l'annullamento del contratto l'altra parte potrà eccepirgli l'avvenuta (tacita) convalida dello stesso*" (Diritto Privato - Francesco Galgano, 5th Edition 1988, pp. 269 *et seq*);

Jiġi nnotat illi l-artikolu 1227 tal-Kodiċi Ċivili jikkontempla t-twettiq jew ir-ratifika ta' obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-jedd kemm għall-azzjoni kif ukoll għall-eċċezzjoni ta' rexissjoni minħabba nullità. Il-konsiderazzjonijiet fuq magħmula allura japplikaw ukoll għall-każ in eżami anke jekk il-kummentaturi Taljani jitkellmu biss dwar l-azzjoni għar-rexissjoni tal-kuntratti;

Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni illi filwaqt illi l-appellat kien intitolat jeċċepixxi n-nullità ta' l-obbligazzjonijiet minnu kontrattati fil-ftehim tat-28 ta' Ġunju, 1983 meta kien għadu minorenni hu kien, sussegwentement meta sar maġġorenni bl-aġir tiegħu irratifika l-istess kuntratt u wettqu b'mod li kkonferma l-istess obbligazzjonijiet. Hu għandu allura jitqies li kien volontarjament assuma l-oneri tiegħu bħal ma użufruwixxa mill-benefiċċji taħt l-istess ftehim. Ftehim li għandu jiġi skrupolożament osservat fit-termini kollha tiegħu. It-talba allura tirriżulta għalhekk ġustifikata;

Billi jirriżulta mill-atti:

Illi l-appellat ma kkompletax b'suċċess il-kors tiegħu taħt l-*isponsorship* tal-Gvern skond il-ftehim milħuq għax għoġbu minn rajh u għax hekk kien fl-interess tiegħu li jabbanduna l-*ischeme* ftit żmien qabel ma ġie tterminat il-perijodu tal-kors li hu effettivament segwa;

Billi jirriżulta ppruvat *ex admissis* illi l-appellat ma ħadem l-ebda perijodu mal-Gvern ta' Malta wara li l-kors ta' studju intemm kif kien obbliga ruħu li jagħmel;

Jidher li hi ġustifikata t-talba ta' l-attur *nomine* għall-ħlas tas-somma kollha minnu rreklamata u ma hemm l-ebda lok jew raġuni għal xi riduzzjoni ta' dan l-ammont la fit-termini tal-kuntratt u lanqas fit-termini tal-liġi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement *tilqa' t-talba attriċi kif dedotta.*

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku ta' l-appellat.